MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 1/2008/1

**Victor Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Generali,**
**l-Onorevoli Ministru**
**għall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjonijiet,**
**il-*Malta Maritime Authority* u d-Direttur tal-Portijiet**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell interpost mill-intimati Avukat Generali u Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjonijiet kif ukoll appell incidentali tar-rikorrent Victor Spiteri minn sentenza tal-Qorti Civili – Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) tal-25 ta' Settembru 2008, li biha dik il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati; iddikjarat li, bin-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tar-rikorrent bhala *shore foreman*, dan ma garrab l-ebda ksur tal-jeddijiet tieghu taht l-Artikoli 3, 6 u 14 tal-Konvenzjoni, izda ddikjarat li, bl-imsemmi nuqqas ta' tigdid, ir-rikorrent garrab ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni; cahdet ukoll l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati, u halliet il-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar ir-rimedju xieraq li jisthoqqlu jinghata r-rikorrent.  Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez tal-kawza dwar il-kapi li dwarhom inghatat is-sentenza kellhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

Ir-rikorrent Victor Spiteri kien ipprezenta rikors fejn talab li l-Qorti ssib li n-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tieghu bhala *foreman* fil-portijiet ta' Malta min-naha tal-intimati jew min minnhom, jikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu kif imharsin bl-Artikoli 3, 6, 14 u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u li taghtih kull rimedju xieraq kontra dan il-ksur.

L-intimati Awtorita` Marittima ta' Malta u Direttur tal-Portijiet wiegbu billi qalu li t-tigdid ta' licenzja jsir minn sena ghal sena u r-rikorrent ma jistax jinqeda' b'dawn il-proceduri biex jitlob gharfien ta' licenzja dejjiema.  Ziedu jghidu li bhala parti mill-bidliet li sehhew fl-ahhar zmien dwar it-thaddim tal-portijiet f'Malta, u bi qbil mal-maggoranza tal-haddiema interessati, ttiehdet id-decizjoni li l-*foremen* jirtiraw malli jaghlqu l-wiehed u sittin (61) sena.  Ghalhekk, billi r-rikorrent qabez dik l-eta`, m'ghandux jedd jistenna li l-licenzja tieghu terga' tiggedded.  B'dak il-ftehim u taht is-setghat moghtija fl-Artikolu 17 tal-Kapitolu 171 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-24 ta' Dicembru, 2007, inhareg l-Avviz Legali 437/2007 li stabilixxa l-gheluq ta' 61 bhala l-eta` tal-irtirar ta' *foremen*. L-intimati jzidu jghidu li r-rikorrent naqas li jinqeda' bir-

rimedji ordinarji li kellu disponibbli ghalih qabel ma ressaq din il-kawza, u ghalhekk hemm raguni tajba biex din il-Qorti taghzel li ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha biex tisma’ l-kaz. Fil-mertu, wiegbu li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u d-dritt ghaliex kieku kellhom jintlaqghu jkunu qed jiksru l-ligi li saret fl-interess pubbliku. Fuq kollox, jichdu li c-cirkostanzi tal-kaz tar-rikorrent jiksru xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali li huwa jsemmi fir-rikors tieghu u dan ghaliex la twettaq xi trattament inuman mar-rikorrent, la kien hemm ksur ta’ jedd ta’ smiegh xieraq, ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni bil-fatt li l-eta` tal-irtirar giet iffissata fl-eta` ta’ 61 sena, u lanqas jista’ jinghad li licenzja biex jahdem tikkostitwixxi “possediment” ghall-finijiet tal-Konvenzjoni.

L-intimati Avukat Generali u l-Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni wiegbu billi qalu, preliminarjament, li l-Avukat Generali mhux il-kontradittur legittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghaliex hu m’huwiex responsabbli ghall-hrug jew tigdid ta’ licenzji, izda hemm haddiehor li huwa responsabbli minn dan. Ighidu wkoll li, ladarba r-rikorrent naqas li jinqeda’ bir-rimedji ordinarji li kellu miftuhin ghalih qabel ressaq din l-azzjoni, il-Qorti jmissha taghzel li ma twettaqx is-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma’ din il-kawza, minhabba li l-azzjoni tressqet qabel waqtha. Ghalhekk, safejn ir-rikorrent irid jinqeda’ b’din il-kawza minflok jinqeda’ bir-rimedji ordinarji miftuhin ghalih, il-Qorti jmissha ssib li din l-azzjoni hija wahda fiergha u vessatorja. Gibdu l-attenzjoni tal-Qorti wkoll li, marbut mal-mertu ta’ din il-kawza, qeghda tinstema’ minn Qorti ohra kawza Kostituzzjonali mressqa minn haddiema ohrajn tal-port, u ghalhekk din il-kawza jmissha tistema’ flimkien ma’ dik li tressqet qabel. Fil-mertu, ighidu li r-rikorrent ma garrab ksur tal-ebda jedd fundamentali tieghu.

**<u>Decizjoni tal-ewwel Qorti.</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:
“**Ikkunsidrat:**

"Illi b'din l-azzjoni r-rikorrent irid li l-Qorti ssib li n-nuqqas ta' ħruġ ta' licenzja min-naħa tal-Awtorita` intimata wasslu biex ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikoli 3, 6, 14 u 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Huwa jqis li dan in-nuqqas hu marbut ma' regolament li jimponi (bħala waħda mill-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-licenzja) li l-applikant ma jkunx qabeż il-wieħed u sittin (61) sena. Għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi ressqu bosta eċċezzjonijiet, uħud minnhom preliminari (l-iżjed dwar jekk din il-Qorti għandhiex tisma' l-kawża ladarba r-rikorrent naqas li jieħu r-rimedji ordinarji li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu u naqas li jagħmel dan) iżda bosta oħrajn fil-mertu, li bihom iwarrbu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-rikorrent twieled fl-1937. Sa mill-1958 kien liċenzjat mal-awtoritajiet portwali Maltin bħala *shore foreman* dwar merkanzija li tgħaddi mill-portijiet ta' Malta. Mal-Awtorita` intimata r-rikorrent huwa reġistrat bil-licenzja numru sebgħa u erbgħin (47). Il-licenzja tiegħu tiġġedded kull sena kalendarja[1]. L-aħħar licenzja mġedda għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2007. Il-ħruġ tal-licenzja ta' *foreman* hu regolat kemm bil-liġi ewlenija[2] u kif ukoll minn leġislazzjoni sussidjarja maħruġa fl-1993[3]. Kemm kien ilu jżomm il-licenzja, r-rikorrent dejjem ġeddidha f'waqtha, qatt ma kienet miċħuda t-talba tiegħu għat-tiġdid tagħha, u qatt ma kienu ttieħdu kontrih xi proċeduri dixxiplinari jew instab li kiser id-dispożizzjonijiet tal-liġi li taħtha kienet tinħareġ dik il-licenzja[4]. L-i*status* fiskali tiegħu huwa ta' persuna li tħaddem lilha nnifisha[5];

"Illi meta beda f'Malta x-xogħol tat-trasbord tal-merkanzija fl-1971, kien ir-rikorrent li laqa' sejħa biex jagħti s-servizz tiegħu f'dak il-qasam[6]. Huwa dejjem kien il-*foreman* waħdien inkarigat mix-xogħol ta' trasbord f'kull port f'Malta fejn kien isir dak ix-xogħol. Wara li kien żviluppat il-Port

[1] Dok "1", f'paġġ. 140 – 5 tal-proċess
[2] L-art 5 tal-Ordinanza XIV tal-1962 dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap 171)
[3] A.L. 90 tal-1993
[4] Xhieda ta' Carmel Abela 28.1.2008, f'paġġ. 241 – 2 u 250 – 1 tal-proċess
[5] Dok "3", f'paġ. 146 tal-proċess
[6] Dok "RPA", f'paġ. 43 tal-proċess

Ħieles, fl-1991, ir-rikorrent kien tqabbad bħala *Terminal Foreman* bi ftehim mal-Malta Freeport Terminals Limited[7]. Fir-rigward tar-rikorrent hemm tliet kuntratti dwar is-servizzi tiegħu bħala kuntrattur mal-imsemmija kumpannija[8]. Ir-rikorrent jidher fuq dawk il-ftehim f'ismu proprju. Dawk il-ftehim għadhom fis-seħħ sal-lum[9], iżda r-rikorrent irid jinqeda b'ħaddieħor liċenzjat biex jagħmel ix-xogħol ta' qabel, u daħal f'iżjed spejjeż biex jagħmel dan[10];

"Illi fl-1998 bdew isiru negozjati dwar it-tqassim tax-xogħol bejn ix-*shore foremen*. Dan kollu kien qiegħed isir fil-qafas ta' politika li kienet qiegħda tħares għal riforma aktar wiesgħa dwar ix-xogħol fil-portijiet Maltin. Fl-2005 twaqqaf il-*Port Reform Negotiating Team* biex jikko-ordina t-taħdidiet u konsultazzjonjiet mal-partijiet interessati biex ilaħħmu pjan tar-riforma li kellha ssir. Għall-bidu, il-kategorija tal-*foremen* kienu mseħbin fi *trade union* waħda. B'seħħ mill-2006, wara li Valletta Gateway Terminals Limited kienet intgħażlet bħala l-operatur il-ġdid fil-Port il-Kbir minflok il-Cargo Handling Co. Limited, il-biċċa l-kbira minnhom issieħbu ma' *trade union* oħra li ngħatat l-għarfien mill-Awtorita` intimata biex tinnegozja l-ftehim ġdid f'isimhom, dejjem fil-qafas tan-negozjati li kienu għaddejjin dwar il-bidla fis-sistema tat-tħaddim tal-portijiet Maltin[11]. Ir-rikorrent u wħud mill-*foremen* l-oħrajn baqgħu imsieħba fit-*trade union* l-oħra. Ir-rikorrent kien talab il-jedd li jkun konsultat b'dak li kien qed iseħħ fin-negozjati tar-Riforma tal-Portijiet, l-iżjed għaliex kienu waslulu għajdut li, fost il-bidliet fil-kundizzjonijiet tal-liċenzja tal-*foremen*, kien hemm waħda li toħloq limitu bl-eta` tal-liċenzjat[12]. F'Ġunju tal-2007 l-Awtorita` intimata kienet laħqet ftehim mal-Malta Dockers Union dwar il-prattiċi l-ġodda għall-ħaddiema tal-port;

"Illi xi jiem qabel l-għeluq tas-sena 2007, ir-rikorrent kien ressaq talba mal-Awtorita` intimata għat-tiġdid tal-liċenzja

[7] Dok "RPB", f'paġġ. 44 – 5 tal-proċess
[8] Dokti "VS1" sa "VS3", f'paġġ. 130 – 8 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Dr. Stanley Portelli 24.1.2008, f'paġġ. 111 – 2 tal-proċess
[10] Xhieda tar-rikorrent 24.1.2008, f'paġ. 101 – 2 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Dr. Marc Bonello 28.1.2008, f'paġ. 217 tal-proċess
[12] Dok "RPL", f'paġ. 56 tal-proċess

għall-2008. Meta ressaq it-talba ġie mgħarraf[13] li ma setgħetx tinħariġlu t-tiġdid tal-licenzja billi kienu għaddejjin in-negozjati u minħabba li kien hemm xi proċeduri ġudizzjarjii għaddejjin. Sa ma għalqet il-liċenzja tiegħu tal-2007, sar bdil fil-leġislazzjoni sussidjarja magħmula f'Avviż Legali maħruġ fl-24 ta' Diċembru, 2007[14], b'seħħ mill-ewwel ta' Jannar ta' din is-sena, li bidel (billi żied) waħda mill-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' licenzja għal *shore foreman* fis-sens li l-persuna ma tridx tkun għalqet il-wieħed u sittin (61) sena[15]. Żieda oħra fl-istess regolament kienet tgħodd għal dawk li, f'għeluq is-sena 2007 ma kien għad kellhom qatt licenzja ta' *foreman* qabel (imma din il-bidla ma tolqotx il-każ tar-rikorrent);

"Illi lejn l-aħħar tas-sena 2007, l-intimat Direttur Eżekuttiv tal-Portijiet bagħat jgħarraf lir-rikorrent li ma kienx laqa' t-talba ta' dan għat-tiġdid tal-licenzja. Ir-rikorrent talab li jingħata r-raġuni għaliex ma ngħatax dak li talab. L-intimat ma tax raġuni. *Foremen* oħrajn li wkoll qabżu l-61 sena ma nħarġitilhomx licenzja. F'Novembru tal-2007, uħud minn dawn kienu diġa' fetħu kawża quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) biex jilmintaw minn ksur ta' jedd fundamentali[16]. Din il-kawża nfetħet fit-3 ta' Jannar, 2008. Fit-2 ta' Frar, 2008, l-Awtorita` intimata u l-Union Ħaddiema Magħqudin iffirmaw ftehim dwar il-*foremen* li jitqies li daħal fis-seħħ mill-1 ta' Novembru, 2007[17];

"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ wieħed isib eċċezzjonijiet proċedurali li jeħtieġ li din il-Qorti tqishom qabel ma tgħaddi għall-istħarriġ tal-każ fuq il-mertu;

"Illi dawn l-eċċezzjonijiet jgħoddu fihom (i) li r-rikorrent naqas li l-ewwel jinqeda bir-rimedji "ordinarji" li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu qabel ma messu mexxa b'din il-kawża, u għalhekk il-kawża saret qabel waqtha u hija intempestiva, jekk mhux ukoll fiergħa u vessatorja; (ii)

---

[13] Xhieda ta' Carmel Abela, Dok "CA1", f'paġġ. 126 – 7 tal-proċess
[14] A.L. 437/07 (maħruġ taħt l-art. 17 tal-Kap 171) u li jemenda r-Regolament 6 tal-A.L. 90 tal-1993
[15] Ir-Regolament 6(d) juża l-kliem "*ma jkunx għadu laħaq l-eta' tal-pensjoni statutorja*"
[16] Rik. Kost. 60/07GCD (imħollija għall-provvediment għat-3.10.2008)
[17] Dok "LCA", f'paġġ. 325 – 9 tal-proċess

għalhekk, din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat "kostituzzjonali" tagħha ladarba r-rikorrent kellu rimedji oħrajn u ma nqediex bihom; (iii) li l-intimat Avukat Ġenerali jmissu jinħeles milli joqgħod fil-kawża ladarba hu mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent ladarba la għandu s-setgħa li joħroġ liċenzi u ladarba l-għamil li minnu jilminta r-rikorrent hemm awtorita` oħra li tista' twieġeb għal għamilha skond l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi **għal dak li jirrigwarda d-disponibilita' ta' rimedji ordinarji** li bihom ir-rikorrent ma nqediex jidher li l-intimati qegħdin jaħsbu fl-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi tagħti wkoll rimedju dwar kull għamil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni[18]. Huwa minnu li r-rikorrent ma ressaq l-ebda kawża ta' dik l-għamla minn dak inhar li l-Awtorita` intimata ma ġeddidtlux il-licenzja. Madankollu, kif sewwa jgħid ir-rikorrent u għar-raġunijiet l-oħrajn li sejrin jissemmew meta l-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni preliminari li ġejja, kieku r-rikorrent għażel li jinqeda b'dak ir-rimedju ordinarju, xorta waħda ma kienx jingħata stħarriġ fuq kull aspett tal-ilment tiegħu, b'mod partikolari dawk dwar l-allegat ksur tal-jeddijiet tiegħu kif imħarsin fil-Konvenzjoni, u wisq anqas seta` jingħata rimedju sħiħ;

"Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex qiegħda tilqa' din l-eċċezzjoni;

"Illi għalhekk, **għal dak li jirrigwarda t-talba tal-intimati biex il-Qorti tqis jekk għandhiex tinqeda bid-diskrezzjoni li ma twettaqx is-setgħat "kostituzzjonali" tagħha** din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tilqa' dik l-istedina. Kif sewwa jissottometti r-rikorrent fin-Nota tiegħu[19], ukoll kieku seta` jingħad li hu kellu r-rimedju tal-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju biex jattakka n-nuqqas ta' tiġdid tal-licenzja tiegħu, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-ilment tiegħu huwa dirett lejn ir-Regolament innifsu. Fi kliem ieħor, jekk kemm-il darba r-Regolament huwa l-għajn u r-

---

[18] Art. 469A(1)(a) tal-Kap 12
[19] Paġġ 365 – 6 tal-proċess

raġuni li minħabba fiha r-rikorrent qiegħed jew jista' jġarrab ksur ta xi wieħed jew iżjed mill-jeddijiet fundamentali tiegħu, l-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju waħedha ma kienet se' tagħti l-ebda rimedju sħiħ għall-qagħda tiegħu;

"Illi l-Awtorita` intimata, li wkoll qanqlet din l-eċċezzjoni, tgħid li jekk kemm-il darba r-rikorrent qiegħed jattakka s-siwi tar-Regolament 6, hija ma tistax titqies responsabbli minħabba f'hekk, għaliex m'huwiex mogħti lilha li tonqos li tapplika liġi li ma kienitx hi li għamlet[20]. Dan l-argument, fil-fehma tal-Qorti, ma jibdel xejn minn dak li ngħad aktar qabel, għaliex huwa fatt li, għalkemm ir-rikorrent ma jagħmilx talba speċifika biex il-Qorti tippronunzja ruħha dwar ir-Regolament 6 tal-Avviż Legali, fis-seba' u fid-disa' premessi tar-rikors tiegħu jgħid b'mod ċar li hu sewwasew minħabba t-tħaddim ta' dak ir-Regolanment (kif emendat) li huwa ġarrab il-ksur tal-jeddijiet konvenzjonali minnu msemmijin;

"Illi l-intimati Avukat Ġenerali u Ministru għall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni wkoll itennu li l-Qorti jmissha tapplika r-regola tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħżel li ma tismax il-kawża. Huma jżidu jgħidu li l-azzjoni tar-rikorrent hija determinata mit-termini tar-rikors promotur u dan jitkellem biss dwar il-fatt tan-nuqqas ta' tiġdid tal-licenzja tiegħu. B'mod partikolari jgħidu li r-rikorrent imkien fir-rikors promotur ma jqanqal speċifikatament il-kwistjoni dwar is-siwi fih innifsu tal-Avviż Legali (kif mibdul), u għalhekk mhux imħolli li "joħloq *issue* ġdida" matul is-smigħ tal-kawża;

"Illi din il-Qorti, filwaqt li toqgħod b'seba' għajnejn li timxi mal-atti li bihom tressqet il-kawża, ma tistax tilqa' din is-sottomissjoni tal-intimati u tiżola l-qafas tal-ilment tar-rikorrent f'kompartimenti separati minn xulxin. Hija l-fehma sħiħa tal-Qorti li l-ilment tar-rikorrent ma jistax ikun mistħarreġ sewwa jekk mhux se' jkun mistħarreġ ukoll ir-Regolament 6 tal-Avviż Legali rilevanti. Kif ingħad qabel,

[20] Paġ. 385 tal-proċess

ukoll jekk ir-rikorrent ma ressaqx talba speċifika biex il-Qorti tiddikjara l-imsemmi Regolament bħala wieħed anti konvenzjonali, dak ir-Regolament huwa s-sinsla li fuqha jinbnew kemm it-teżi tar-rikorrent u kif ukoll il-ġustifikazzjoni mressqa 'l quddiem mill-intimati. Minbarra dan, huwa miżmum ukoll bħala regola ta' proċedura li f'kawżi dwar ilmenti ta' ksur ta' drittijiet fundamentali "ir-rikorrent mhux imxekkel bil-limitazzjonijiet kontemplati fil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoniu Proċedura Ċivili għal dak li jirrigwarda kawżali u talbiet"[21];

"Illi llum il-ġurnata l-kriterji li jmisshom jitqiesu f'eċċezzjoni bħal din jinsabu stabiliti b'mod konsistenti mill-qrati Maltin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża ***Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[22], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. Dik l-istess Qorti għadha żżomm l-istess prinċipji kif muri f'deċiżjoni li ngħatat dan l-aħħar dwar l-istess eċċezzjoni[23];

"Illi meta jissemma' li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[24]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[25]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;

---

[21] P.A. (Kost.) AJM **3.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs L-Avukat Ġenerali et***

[22] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

[23] Kost. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** (Rik. Kost. 44/06)

[24] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[25] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

"Illi għalhekk, din il-Qorti qiegħda tagħżel li twettaq is-setgħat mogħtijin lilha biex tistħarreġ il-każ tar-rikorrent f'din is-sede kostituzzjonali u konvenzjonali;

"Illi minħabba f'hekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimati Avukat Ġenerali u Ministru għall-Kompetittivita` u Komunikazzjonijiet;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-*locus standi* tal-intimat Avukat Ġenerali f'din il-kawża**, l-intimati jisħqu[26] li l-għamil li minnu jilminta r-rikorrent ma sarx mill-intimat Avukat Ġenerali, iżda minn terzi. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-Avukat Ġenerali ma joħroġ l-ebda licenzja bħal dik mertu tal-kawża, diġa' ngħad li l-qofol tal-ilment tar-rikorrent huwa t-tħaddim fil-konfront tiegħu tar-Regolament li mpona kundizzjonijiet ġodda għall-ħruġ (u t-tiġdid) tal-licenzja ta' *shore foremen*. Fil-fehma tal-Qorti, meta ilment kostituzzjonali jattakka s-siwi ta' għamil imwettaq minn xi funzjonarju tal-Gvern jew minn xi awtorita` pubblika wkoll jekk dan jingħad li jkun qiegħed isir bis-setgħa ta' xi dispożizzjoni ta' liġi (li l-ilment iqis li tista' tkun ta' ħsara għal xi jedd fundamentali tar-rikorrent) – kemm jekk ewlenija u kif ukoll sussidjarja – huwa l-Avukat Ġenerali li, bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jitqies bħala l-kuntradittur leġittimu ta' lment bħal dak[27]: ħadd mill-intimati l-oħrajn ma jista' jidħol minflokhom;

"Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll din l-eċċezzjoni;

"Illi l-Qorti sejra issa tqis l-ilmenti tar-rikorrent fil-mertu. Iżda qabel tagħmel dan jidhrilha xieraq li tindirizza żewġ argumenti li l-intimati ressqu kemm fit-Tweġiba tagħhom u kif ukoll fin-Noti ta' Sottomissjonijiet rispettivi. Fl-ewwel argument, huma jgħidu li, bis-saħħa ta' din il-kawża, r-rikorrent qiegħed jipprova jibdel dritt suġġett għal diskrezzjoni fi dritt dejjiemi. Dan jgħiduh b'riferenza għall-fatt li skond l-artikolu 5 tal-Kapitolu 171, il-licenzja ta' *shore foreman* **tista'** tiġġedded minn sena għal sena. Il-

---

[26] Paġ. 411 tal-proċess

[27] Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.56)** a fol. 82 -3

Qorti trid tagħmilha ċara li l-ebda parti m’hija tikkontesta l-fatt li licenzja bħal dik li tolqot lir-rikorrent hija waħda li **teħtieġ tiġdid** kull sena kalendarja u li dak it-tiġdid m’huwiex awtomatiku, iżda huwa suġġett għall-kundizzjonijiet li l-liġi timponi. Iżda f’dan il-każ, ir-rikorrent jgħid li n-nuqqas ta’ tiġdid tal-licenzja li huwa kellu kien wieħed li jikser il-jeddijiet fundamentali tiegħu u huwa f’dan id-dawl biss li l-azzjoni tiegħu qiegħda titqies. Bl-ebda mod m’għandha din il-Qorti tinftehem li, f’każ li tilqa’ l-ilment tar-rikorrent, tkun qiegħda timponi rabta fuq l-intimati biex għal dejjem u bla ebda riserva jibqgħu tabilfors joħorġu licenzja lir-rikorrent (jew xi ħaddieħor fil-qagħda tiegħu) biex jaħdem bħala *shore foreman*;

“Illi fit-tieni argument, l-Awtorita` intimata tipprova toħloq differenza bejn it-tħassir ta’ licenzja (revoka) u n-nuqqas ta’ tiġdid tagħha. B’hekk hija tgħid li, ladarba fil-każ tar-rikorrent hemm nuqqas ta’ tiġdid, allura ma jistax isejjes l-ilmenti tiegħu bħallikieku l-licenzja tteħditlu. Il-Qorti tqis dan l-argument bħala sofiżmu. Mistħoqqa kemm hija mistħoqqa d-distinzjoni bejn tħassir u nuqqas ta’ tiġdid, l-effett konkret tan-nuqqas ta’ tiġdid tal-licenzja li ġarrab ir-rikorrent hu l-istess daqslikieku l-licenzja tħassret. Dan jingħad għaliex tali nuqqas ta’ tiġdid ma kienx marbut ma’ xi ħaġa li r-rikorrent seta` jagħmel biex jerġa’ jkun eliġibbli jikseb il-licenzja. Lanqas kien marbut ma’ xi nuqqas jew ksur ta’ xi kundizzjoni li kienet twassal għat-tħassir tal-licenzja. Kien nuqqas ta’ tiġdid li kien marbut ma’ ċirkostanza (li kienet teżisti diġa’ għal bosta snin qabel ma nbidlet il-liġi kif inhi llum) li bil-bidla fir-Regolament u minkejja r-rieda tiegħu r-rikorrent ma jista’ jagħmel xejn biex ireġġagħha lura;

“Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni**, ir-rikorrent jgħid li l-fatt li, bil-mod ħesrem u forzat li bih il-licenzja tiegħu ma ġġedditx, l-intimati jew min minnhom qegħduh f’sitwazzjoni umiljanti u li baxxietu mhux biss f’għajnejn qrabatu, imma wkoll f’għajnejn il-ħaddiema tiegħu u ta’ sħabu l-oħrajn;

“Illi l-Awtorita` intimata twarrab dawn l-argumenti tar-rikorrent u tisħaq li dak li sar ma jista’ bl-ebda tiġbid tal-

immaġinazzjoni jwassal biex jitqies li r-rikorrent kien ittrattat b'mod inuman jew li kien maħsub li jumiljah. Ittenni li n-nuqqas ta' tiġdid tal-licenzja tiegħu ma kienx arbitrarju, iżda skond il-liġi fis-seħħ fiż-żmien rilevanti. Iżżid tgħid ukoll li lanqas ma sar għall-għarrieda, tant li hemm provi fl-atti tal-kawża nfushom li r-rikorrent innifsu kien sema' (ukoll jekk qieshom bħala għajdut) li waħda mill-kundizzjonijiet il-ġodda tat-tiġdid tal-licenzja kellha tkun l-iffissar ta' eta` ta' irtirar. Fuq kollox, hija tgħid li ċ-ċaħda waħedha tal-licenzja ma waqqfitx lir-rikorrent milli jkompli jaħdem jekk tassew li saħħtu tippermettilu;

"Illi l-artikolu tal-Konvenzjoni jitkellem dwar (i) tortura, jew (ii) trattament inuman jew degradanti jew (iii) piena inumana jew degradanti. Jidher li r-rikorrent qiegħed isejjes l-ilment tiegħu taħt ir-ras tat-trattament degradanti. Kemm hu hekk, huwa jgħid li bid-deċiżjoni meħuda, qiegħed iġarrab umiljazzjoni quddiem qrabatu, fl-istima li suppost ikollu mill-impjegati tiegħu u f'għajnejn sħabu li magħhom kien jaħdem. Ir-rikorrent la qiegħed jitkellem dwar tortura u lanqas dwar piena inumana jew degradanti. Lanqas ma jitkellem dwar trattament inuman. Trattament inuman m'huwiex l-istess bħal trattament degradanti, b'tal-ewwel jitqies bħala iżjed qalil u gravi;

"Illi bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[28] Imġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-għemil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet

[28] Harris, O'Boyle & Warbrick _Law of the European Convention of Human Rights_, paġġ. 80 - 1

minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[29], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[30];

"Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[31] jeħtieġ ċertu grad ta' gravita'"[32]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[33];

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li ma jistax jingħad li l-fatt tan-nuqqas ta' tiġdid ta' licenzja favur ir-rikorrent jista' jitqies bħala għamil li jikser l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, imqar taħt il-kawżali tat-trattament degradanti. Dan jingħad ukoll għaliex il-jedd li wieħed jaħdem[34], għalkemm wieħed mill-jeddijiet li l-Kostituzzjoni tqisu fost dawk ta' prinċipju li fuqhom jinbena l-Istat Malti, m'huwiex jedd esegwibbli[35] bħalma huma esegwibbli l-jeddijiet imħarsin fil-Kapitolu IV tal-istess Kostituzzjoni. Minbarra dan, jirriżulta mill-atti li n-nuqqas ta' tiġdid tal-licenzja favur ir-rikorrent ma ssarrfitx fiċ-ċaħda għal kollox tal-ħidma tiegħu f'oqsma oħrajn marbutin ukoll max-xogħol fil-portijiet, u lanqas qiegħed jitqies bħala determinanti għaż-żamma fis-seħħ tal-kuntratti li huwa għandu mal-Malta Freeport Terminal Limited[36]. Kemm hu hekk, il-ħidma tar-rikorrent fil-Port Ħieles ma twaqqfitx minħabba ż-żamma tal-ħruġ tal-licenzja;

"Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent ġarrab ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

---

[29] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[30] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[31] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[32] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[33] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[34] Art. 7 tal-Kostituzzjoni
[35] Art. 21 tal-Kostituzzjoni
[36] Xhieda ta' Dr. Stanley Portelli 24.1.2008, f'paġġ 115 u 117 tal-proċess

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, ir-rikorrent jagħmilha ċara li huwa jsejjes l-ilment tiegħu dwar dan il-jedd fuq żewġ ċirkostanzi: l-ewwel waħda hija n-nuqqas ta' smigħ xieraq mogħti lilu qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li ma tinħariġlux licenzja, filwaqt li (b'mod sussidjarju) t-tieni waħda hi li hu ma ngħatax widen meta ried li jkun konsultat huma u għaddejjin it-taħdidiet maħsuba biex iwittu t-triq tar-Riformi fil-Portijiet;

"Illi f'dan ir-rigward, l-Awtorita` intimata tgħid li meta ma ħarġitx il-licenzja għal din is-sena lir-rikorrent, hija la kienet qiegħda tieħu deċiżjoni u lanqas ma kienet qiegħda tiddetermina dritt. Kulma kienet għamlet kien li applikat il-liġi li kienet torbotha. B'hekk tgħid li ma jista' qatt ikun li hija kisret dan il-jedd fundamentali tar-rikorrent u anqas u anqas kienet xi deċiżjoni li titlob smigħ minn qorti jew minn tribunal. Fuq kollox, iżżid tgħid li wieħed ma jistax jinqeda bl-artikolu 6 biex jistħarreġ il-proċess li jkun wassal għall-ħruġ ta' xi liġi jew dak li jwassal għal ftehim kollettiv;

"Illi, min-naħa l-oħra, l-intimati l-oħrajn jgħidu li l-proċess tal-ħruġ ta' licenzja ma jista' jkun qatt kunsidrat bħala proċess ta' kontestazzjoni fejn l-applikant ikun f'qagħda kontradittorja għall-awtorita` li toħroġ il-licenzja. Minbarra dan, l-istess awtorita` mogħnija mil-liġi b'setgħa li toħroġ jew iġġedded licenzja m'hijiex "qorti" jew "tribunal" li tiddeċiedi xi kwistjoni bejn partijiet oħrajn;

"Illi r-rikorrent jargumenta li l-kwistjoni taż-żamma jew iċ-ċaħda tal-licenzja tiegħu bħala *shore foreman* hija waħda li taqa' sewwa taħt it-tifsira ta' "deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi" kif maħsuba fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Fuq dan l-argument, l-intimati jqanqlu dubju dwar jekk in-natura tal-kwistjoni partikolari tar-rikorrent – jiġifieri l-ħruġ ta' licenzja biex ikun jista' jwettaq attivita' ekonomika – taqax jew le fl-isfera ta' interess li għalih jgħodd l-artikolu 6. F'dan ir-rigward inkiteb li "*The Court, building on continental legal theories, has drawn a distinction between 'civil rights and obligations' and public law disputes, and has held that the latter are not covered by*

*Article 6; these have traditionally included disputes concerning issues such as immigration and asylum, extradition, taxation, aspects of public employment, and others. ... This distinction is, however, in constant flux and will therefore require careful analysis on a case-by-case basis. ... In the context of 'civil rights and obligations', Article 6 only applies if there is a 'dispute' or* contestation *which is directly decisive of that right, and only where that right is one that is – at least arguably – recognised by domestic law. The Court has made it clear that Article 6 will not assist to create a 'civil right' where none exists under domestic law. It is not enough if there is a 'tenuous connection' between the dispute and the civil right, the determination of the existence of the right and/or its nature and extent must be the object – or at least one of the objects – of the dispute. Article 6 does not apply to the exercise of an administrative decision-making power by a public authority itself, but only to any dispute arising therefrom*"[37];

"Illi l-atti ta' din il-kawża juru sewwa li l-qofol tal-kwistjoni marbuta man-nuqqas ta' tiġdid tal-licenzja tar-rikorrent huwa wieħed "pekunjarju". L-ewwel effett tan-nuqqas ta' tiġdid huwa wieħed li jżomm lir-rikorrent milli jwettaq attivita' ekonomika li kienet tirrendilu b'mod li seta` bis-saħħa tagħha jħaddem organiżżazzjoni ta' ħaddiema dipendenti. Għalhekk, minkejja l-fatt li l-kwistjoni li nħolqot bejn ir-rikorrent u l-Awtorita` intimata setgħet kienet waħda ta' għamil amministrativ, tali għamil kien jolqot drittijiet tar-rikorrent li huma ta' bixra "pekunjarja"[38] u kien għamil li jħoll u jorbot jekk kemm-il darba r-rikorrent setax jibqa' jwettaq iżjed dik il-ħidma;

"Illi madankollu, l-jedd għal smigħ xieraq imħares bl-imsemmi artikolu 6 jimplika dritt ta' aċċess għal qorti jew tribunal indipendenti b'setgħa sħiħa fid-dritt u fil-fatt li jisma' l-ilment tal-persuna mġarrba u li jista' jagħti rimedju sħiħ u effettiv f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' tali jedd jew

---

[37] Gordon, Ward & Eicke <u>The Strasbourg Case Law</u> (2001), paġ. 366

[38] Ara Q.E.D.B. **26.3.92** fil-kawża fl-ismijiet ***Editions Periscope vs Franza*** (Applik. Nru. 11760/85) §§ 40 u Q.E.D.B. **28.6.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Konig vs RepubblikaFederali tal-Ġermanja*** (Applik. Nru. 6232/73) §§ 89 – 95 (din tal-aħħar kienet tirrigwarda każ ta' irtirar ta' liċenza biex wieħed jaħdem bħala tabib)

obbligazzjoni ċivili u dan fi żmien xieraq u raġonevoli. Iżda dak l-artikolu ma jgħoddx fejn joħroġ ċar li l-persuna mġarrba ma jkollhiex "jedd ċivili" li dwaru tista' tqum il-kwistjoni[39];

"Illi, kif ingħad, ir-rikorrent jilminta li qatt ma ngħata smigħ xieraq qabel ma d-Direttur intimat qatagħha li ma jġeddidx il-licenzja għas-sena kurrenti. Iżda l-Qorti hija tal-fehma li l-intimat Direttur tal-Portijiet ma jistax jitqies li huwa "qorti" jew "tribunal" vestit b'setgħa li jiddetermina xi jedd ċivili. Il-fatt li huwa nnifsu għandu d-diskrezzjoni li joħroġ il-licenzja u fil-fatt tinħareġ (jekk ikun il-każ) taħt l-awtorita` tiegħu, ineħħi kull sembjanza ta' organu li l-applikant għandu l-jedd li jaċċedi għalih għad-determinazzjoni tal-jedd ċivili tiegħu li jingħata licenzja. F'każ bħal dan il-persuna li għandha s-setgħa li toħroġ il-licenzja hija l-istess persuna li tiddeċiedi jekk l-applikant jistħoqqlux jingħata dik il-licenzja. Minħabba f'hekk, jidher li jonqos element kostitutiv ewlieni li bis-saħħa tiegħu jista' jingħad li japplika l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni f'sitwazzjoni bħal din;

"Illi dwar l-aspett l-ieħor tal-ilment fis-sens li r-rikorrent ma ngħatax udjenza biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu hu u għaddej il-proċess ta' konsultazzjoni qabel jitfassal il-ftehim kollettiv, din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li b'daqshekk seħħ xi ksur tal-Artikolu 6. Kif sewwa tirrileva l-Awtorita` intimata, in-negozjati għat-tfassil tal-ftehim kollettiv il-ġdid kienu qegħdin isiru b'mod regolari u sa minn dejjem ma' dik il-*union* li, fil-waqt partikolari, kienet mogħtija għarfien bħala li tirrappreżenta lill-maġġoranza tal-persuni interessati fil-kategorija. Din hija l-prattika normali u mistennija fejn jidħol il-*collective bargaining*: il-Qorti ma tqisx mistħoqq l-ilment tar-rikorrent fis-sens li hu seta` jinsisti li l-proposti jew sottomissjonijiet tiegħu kellhom ikunu tabilfors mismugħa u meqjusa minn dawk involuti fin-negozjati. Dan kien iġib fix-xejn it-tħaddim tal-prattika industrijali fil-qasam ta' negozjar;

---

[39] Q.E.D.B. **12.2.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Powell and Rainer vs Renju Unit*** (Applil. Nru. 9310/81) §§ 35 -6 u Q.E.D.B. **11.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Sultana vs Malta*** (Applik. Nru. 930/04)

"Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu juri li ġarrab ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni** r-rikorrent iqis li n-nuqqas ta' tiġdid tal-licenzja tiegħu tissarraf f'ċaħda mill-possedimenti tiegħu. Huwa jfisser li fil-każ tiegħu l-licenzja hija possediment li hu marbut sfiq mal-attivita' kummerċjali u lavorativa tiegħu u mingħajrha dik l-attivita' tieqaf. Min-naħa tagħhom, l-intimati jtennu argumenti kuntrarji. L-Awtorita` intimata tgħid li r-rikorrent naqas li juri li l-licenzja ta' *foreman* imissha titqies bħala "possediment" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu. Iżżid tgħid li ladarba r-rikorrent innifsu jistqarr li l-licenzja la setgħet titwella u lanqas tintiret, allura dan ukoll juri li licenzja ma taqax taħt il-ġid li jgawdi l-ħarsien tal-artikolu msemmi. Imbagħad, minħabba t-tiġdid tagħha ta' kull sena, lanqas jista' wieħed iqabbel licenzja ta' *foreman* ma' *warrant* li jinħareġ biex professjonist jista' jeżerċita l-professjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-intimati l-oħrajn jissottomettu[40] li ladarba persuna trid tapplika kull sena għat-tiġdid ta' licenzja, ma jistax jingħad li dik il-persuna hija s-sid tal-licenzja, jew li tabilfors dik il-licenzja sejra tinħarġilha. Fi kliem ieħor, l-intimati jridu li sakemm tinħareġ jew tiġġedded licenzja, l-applikant fil-fatt ma jkollu "possediment" ta' xejn;

"Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjeta`. Kemm hu hekk "*the word 'possessions' ... indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest***"[41]. Fid-dawl ta' dawn il-fehmiet ċari, ma jidhirx li l-intimati għandhom raġun iqisu l-

[40] Paġ. 416 tal-proċess
[41] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit*, paġġ. 517

licenzja tar-rikorrent bħala non-possediment għall-finijiet tal-artikolu taħt eżami;

"Illi għalhekk għal dak li jirrigwarda l-każ tal-lum, licenzja li biha wieħed jista' jwettaq attivita' kummerċjali hija fil-fatt meqjusa bħala sura ta' "possediment" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu u n-nuqqas ta' tiġdid tagħha jaf ikun indħil jew saħansitra ċaħda tat-tgawdija paċifika tiegħu min-naħa tal-persuna liċenjata li jagħti lok biex il-Qorti tistħarreġ jekk kienx hemm il-kundizzjonijiet maħsuba taħt it-tieni paragrafu tal-istess artikolu[42];

"Illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull persuna għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd m'għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti mil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skond l-interess ġenerali, jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni;

"Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent m'huwiex jallega ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, imma biss tal-artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni;

"Illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a)

[42] Q.E.D.B. **10.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Bimer SA vs Moldova*** (Applik. Nru. 15084/03) §§ 49 u 51

jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[43] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

"Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-Artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[44]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta` demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

"Illi ta' min igħid li l-imsemmi artikolu jirreferi għall-**interess** pubbliku jew ġenerali, u mhux għas-**skop** pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol u jħoll u jorbot jekk għamil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali[45]. Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew ġenerali jinstabx huwa dak li jqis jekk f'għamil partikolari joħroġx il-"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*"[46];

"Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm

[43] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[44] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) , § 61
[45] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) (kawża dwar esproprju ta' post biex jintuża bħala banka tal-lottu)
[46] ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik.Nru. 7151/75), § 69

utilita’ konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi ta’ bżonn jew aspirazzjoni[47]. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa’ jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna[48];

“Illi huwa mgħallem li, għall-finijiet ta’ l-Artikolu 1, “*there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. ... In the absence of a formal extinction of the owner’s right, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a ‘deprivation’ for the purposes of Article 1/2.* De facto *takings are generally understood to occur when the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title*.”[49] Minbarra dan, huwa aċċettat li s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b’liġi jikkontrolla l-użu tal-ġid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem tibqa’ l-ħtieġa li jintwera (mill-istess Stat) l-interess ġenerali u l-bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita`[50];

“Illi f’dan ir-rigward jiksbu siwi qawwi d-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol. Dan jingħad għaliex ir-raġuni li nġiebet quddiem din il-Qorti bħala dik li wasslet għall-bdil fl-Avviż Legali 90 tal-1993 (u b’mod partikolari dik il-parti dwar il-kundizzjonijiet tal-liċenzi tal-*foremen*) kienet il-ħtieġa ta’ bidla sħiħa fis-sistema tax-xogħol fil-portijiet Maltin biex tkun waħda tajba daqskemm effiċjenti għaż-żminijiet tal-lum[51]. Dan huwa fatt li joħroġ mill-atti, fejn saħansitra l-kwistjonijiet kollha kienu nqalgħu fi ħdan il-proċess twil li għal dawn l-aħħar snin kien għaddej bil-għan li jwassal għal ri-organiżżazzjoni tas-settur kollu[52]. Wieħed minn dawn l-

---

[47] Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[48] Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet***
[49] Harris, O’Boyle & Warbrick *Op. Cit.* , paġġ. 527-8
[50] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de’ Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq vs L-Avukat Ġenerali et***
[51] xhieda tal-Onor. Ċensu Galea 28.1.2008, f’paġ. 202 tal-proċess
[52] Xhieda ta’ Dr. Marc Bonello 28.1.2008, f’paġġ 212 – 3 tal-proċess

oqsma kien sewwasew il-mod kif ikun organiżżat ix-xogħol tal-ħaddiema tal-port[53];

"Illi jidher li, fil-każ tal-*foremen*, inħass li l-għadd huwa ogħla minn kemm meħtieġ[54]. Kemm hu hekk jissemma li l-għadd għandu jkun marbut ma' ħtiġijiet fattwali tal-volum tax-xogħol li jgħaddi mill-portijiet Maltin u li, skond il-miri mfassla, mhux se' jkun meħtieġ l-għadd ta' "*gangs*" li hemm illum. L-Awtorita` intimata u d-Direttur intimat għamluha ċara li bit-tqassim maħsub fil-ġejjieni qrib, is-sistema tax-xogħol fil-portijiet tkun tista' tinqeda b'anqas burdnara b'iżjed effiċenza. B'dan il-ħsieb l-għan mixtieq tar-riforma kollha hija dik li l-ispejjeż tax-xogħol li jgħaddi mill-portijiet jonqsu u b'hekk tgawdi s-soċjeta` in ġenerali billi jorħsu l-prezzijiet lill-konsumatur. Biex jintlaħaq dan l-għan, allura, waħda mill-bidliet kienet dik li jitnaqqas l-għadd ta' *shore foremen* billi tkun iffissata eta` għall-ħruġ ta' licenzja. B'hekk intlaqat direttament ir-rikorrent u tnisslet il-kwistjoni li hija quddiem din il-Qorti llum;

"Illi l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-għan ewlieni wara r-Riforma tal-Portijiet huwa wieħed magħmul fl-interess pubbliku in ġenerali u bi ħsieb leġittimu minbarra li huwa ta' fejda kbira għat-tisħiħ ekonomiku tal-pajjiż. L-istess jista' jingħad dwar jekk dawn il-miżuri kinux "legali". Il-bidliet maħsuba biex iwasslu għal tali riforma saru billi tfassal qafas legali – tant li r-Regolament 6 in kwistjoni huwa wieħed minn għadd ta' disposizzjonijiet li ddaħħlu fil-liġi – u għalhekk jista' jingħad li d-deċiżjoni li jitqiegħdu kundizzjonijiet oħrajn għall-eliġibilita' għal-licenzja ta' *foremen* hija deċiżjoni magħmula fil-parametri ta' qafas legali;

"Illi l-kwistjoni li tat lil din il-Qorti ħafna x'taħseb hija jekk, minkejja dan kollu li ngħad, jistax jitqies li nżamm il-bilanċ bejn l-interess ġenerali tal-komunita` u d-dritt tar-rikorrent għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu[55]. L-iżjed aspett ta' taħbil il-moħħ f'dan ir-rigward hu l-fatt li t-twaqqif jew ċaħda ta' tiġdid tal-licenzja tar-rikorrent seħħ bla ma saret

---

[53] Xhieda ta' Louis Ċilia 4.2.2008, f'paġġ. 308 – 9 tal-proċess
[54] Xhieda ta' Charles Schembri 28.1.2008, f'paġġ. 263 – 7 tal-proċess
[55] Q.E.D.B. **26.9.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Fleri Soler & Camilleri vs Malta*** (Applik. Nru. 35349/05) §§ 60 - 70

xi għamla ta' kumpens. F'jum partikolari (u minkejja li kellu iżjed minn 65 sena) ir-rikorrent kellu t-tgawdija ta' licenzja li tħallih jaħdem xogħol partikolari, u l-għada, bla ma tbiddel xejn min-naħa tiegħu, dik it-tgawdija ntemmet u ma setax iżjed jibqa' jagħmel dak ix-xogħol. Il-Qorti tifhem ukoll li l-bidla fil-kundizzjonijiet għall-ħruġ jew tiġdid tal-licenzja bid-dħul tal-element tal-eta` tal-irtirar trid titqies fil-qafas ta' numru ta' tentativi li kienu saru minn jew f'isem *foremen* oħrajn fix-xhur ta' qabel ma daħal ir-Regolament fis-seħħ liema tentativi kellhom l-għan li jtajru dak li kienu jqisu bħala "monopolju" fil-ħidma tar-rikorrent;

"Illi meta jittieħdu ċ-ċirkostanzi fattwali kollha marbuta mal-każ u l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jgħoddu għalihom, il-Qorti ssib li ma nżammitx proporzjonalita' bejn l-interess ġenerali u l-jeddijiet tar-rikorrent[56], u dan minħabba li r-rikorrent spiċċa jerfa' tagħbija eċċessiva u personali li l-istess awtoritajiet jidher li kienu jafu minn qabel li se' jiġri hekk[57]. Fuq kollox, għalkemm b'xi mod ir-rikorrent baqa' ma tiltifx il-kuntratti li huwa għandu fil-Port Ħieles, dan qiegħed jagħmlu bi spiża akbar biex iqabbad nies oħrajn liċenzjati ħalli jkunu jistgħu jwettqu xogħol li mingħajr licenzja ma jistax isir. It-tneħħija tal-licenzja għalhekk, tista' titqies bħala teħid sħiħ tal-possediment li r-rikorrent kien igawdi għall-finijiet tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt dan l-artikolu;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni** r-rikorrent iqis li bir-Regolament 6 tal-Avviż Legali, qiegħda ssir diskriminazzjoni bejn persuna *self employed* li tkun *shore foreman* u kull *self employed* ieħor. Filwaqt li, fis-sistema legali tagħna persuna *self employed* tista' tibqa' taħdem sa kemm tagħtiha saħħitha, fil-liġi speċjali li tolqot il-licenzja tiegħu, dik il-liġi arbitrarjament ħolqot limitu ta' eta` anqas. Iżid jgħid li dan imur ukoll kontra l-politika dikjarata tal-Gvern li jħalli lil min

[56] Q.E.D.B. **28.7.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Rosenzweig et vs Polonja*** (Applik. Nru. 51728/99) §§ 48 - 9
[57] Xhieda ta' Dr.Marc Bonello 24.1.2008, f'paġ. 225 tal-proċess

jagħlaq l-eta` tal-irtirar li jkompli jaħdem jekk jagħżel li jrid jagħmel dan. Ir-rikorrent jagħmilha ċara li d-diskriminazzjoni jorbotha mal-jedd tiegħu taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol;

"Illi fl-Artikolu 14, il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew *status* ieħor;

"Illi meta l-Qorti tistħarreġ l-ilment taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[58]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[59];

"Illi l-Awtorita` intimata tgħid li l-Artikolu 14 ma jgħoddx għall-każ tar-rikorrent, għaliex l-eta` m'hijiex wieħed mill-kriterji li jistgħu jsejsu d-diskriminazzjoni taħt dak l-artikolu. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument, għaliex "*the list of specific grounds on the basis of which discrimination in the area of a Convention right is prohibited is a long one and not exhaustive. The grounds on the list are examples ('any ground such as . . .') and the final one ('or other status') is open-ended*"[60]. B'żieda ma' dan, tajjeb jingħad

[58] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177

[59] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 465 – 6

[60] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.*, paġ. 463

li d-dritt komunitarju[61] kif adottat fl-ordinament Malti[62], jagħmlu distinzjonijiet bażati fuq l-eta` bħala waħda mir-raġunijiet li dwarhom tista' sseħħ diskriminazzjoni – kemm jekk diretta u kif ukoll jekk indiretta – fil-qasam tal-impieg;

"Illi llum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[63];

"Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward:

"*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kienitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kienitx bil-*

---

[61] Ara Direttivi tal-Kunsill 43/2000, 78/2000, 73/2002 u 54/2006 fost l-oħrajn

[62] Reg. 3(1)(2) u 5 tar-Regolamenti tal-2004 dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi (Avviż Legali 461/04) (LS 452.95) kif emendati bl-A.L. 53/07 u 338/07

[63] QEDB **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161 (każ fejn persuna ikkundannata għal għomorha l-ħabs ma ngħatatx maħfra Presidenzjali bħal uħud oħrajn li kellhom l-istess kundanna u ngħatatilhom maħfra)

*ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[64];

"Illi r-rikorrent jibni l-ilment tiegħu fuq il-fatt li r-raġuni waħdanija li ntwera li wasslet biex l-intimat ma ġeddidlux il-licenzja kienet l-eta` tal-istess rikorrent. Jidher li r-rikorrent għandu raġun jaħseb hekk, u dan għaliex meta nbidel ir-Regolament 6 tal-Avviż Legali 90 tal-1993, il-kundizzjonijiet ta' qabel għall-ħruġ ta' licenzja ma tneħħewx, iżda żdiedet waħda oħra li kienet titkellem dwar l-ogħla eta` ta' liċenzjat. Xhieda mressqa min-naħa tal-intimati wkoll jistqarru li l-eta` hija r-raġuni waħdanija għaliex il-licenzja tar-rikorrent ma ġġeddidtx[65]. Li kieku ma kienitx għal din il-bidla, ma jidhirx li kien ikun hemm raġuni oħra għaliex ir-rikorrent ma kienitx tinħariġlu l-licenzja. F'dan ir-rigward, jidher li r-rikorrent qiegħed jorbot l-ilment tiegħu mal-każ fejn l-artikolu 14 "*safeguards persons who are in analogous or relevantly similar positions against discriminatory differences in treatment that have as their basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or a group of persons are distinguishable from each other*"[66]. B'hekk jitqies li l-artikolu 14 "*aims to strike down the offensive singling out of an individual or members of a particular group on their personal attributes*"[67];

"Illi huwa prinċipju aċċettat li, f'każi ta' allegata diskriminazzjoni, jaqa' fuq il-persuna li tallegaha l-piż li jipprova kemm l-eżistenza ta' "tikketta" li minħabba fiha ngħata trattament differenti, u kif ukoll li kienet tassew tali "tikketta" li nisslet dak it-trattament differenti[68];

---

[64] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet
[65] Xhieda ta' Carmel Abela 4.2.2008, f'paġ. 260 tal-proċess
[66] QEDB **6.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Thlimmenos vs Greċja*** (Applik. Nru. 34369/97) § 40 – 9
[67] K. Reid A Practitoner's Guide to the European Convention on Human Rights (1998), paġ. 195
[68] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. Cit.*, paġġ. 472 – 3

"Illi fil-każ tar-rikorrent l-istħarriġ ta' dan l-ilment jeħtieġ żewġ konsiderazzjonijiet. L-ewwel konsiderazzjoni hi li r-rikorrent ma jistax jitfa' f'keffa waħda lilu nnifsu bħala *self employed* flimkien ma' kull ħaddieħor li huwa *self employed*. Kif ingħad qabel, it-tqabbil għall-finijiet ta' diskriminazzjoni għandu jsir ma' persuni f'qagħda analoga. Issa hija ħaġa naturali li ċ-ċirkostanzi partikolari tar-rikorrent bħala *shore foreman*, għalkemm huwa tassew *self employed*, ma jistgħux jitqabblu ma' dawk ta' kull persuna oħra li taħdem għal rasha għaliex mhux kull persuna li taħdem għal rasha teħtieġ licenzja biex twettaq ħidma. Ir-rikorrent innifsu jaċċetta l-ħtieġa ta' licenzja għall-għamla ta' xogħol tiegħu u dan għaliex jagħraf li x-xogħol ta' *shore foreman* għandu karatteristiċi partikolari mħarsin minn reġim ġuridiku għalih. Mela, jekk għandu jsir tqabbil irid isir ma' ħaddiema oħrajn *self employed* li x-xogħol tagħhom huwa wkoll regolat minn dik il-liġi speċjali. Fil-każ tal-lum, irriżulta li r-regolament li, bis-saħħa tiegħu, il-licenzja tar-rikorrent ma ġġeddidtx jgħodd għal kull min għalaq jew se' jagħlaq il-61 sena. Kemm hu hekk, jirriżulta li kull min ġie jew (fix-xhur li ġejjin) se' jiġi fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrent ukoll tilef jew se' jitlef il-licenzja. Minħabba li r-regolament ma jagħmilx distinzjoni u minħabba li ntwera li t-tħaddim tiegħu s'issa laqat lil kulħadd l-istess, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent jista' jgħid li ġie diskriminat;

"Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li jidher li l-kriterju tal-eta` ddaħħal għal żewġ raġunijiet. Dawn joħorġu mill-provi u mis-sottomissjonijiet tal-intimati. L-ewwel raġuni hi minħabba li kien hemm il-ħsieb li l-eta` tal-irtirar ta' kull min jagħmel xogħol fil-port tkun l-istess – jiġifieri mal-għeluq tal-wieħed u sittin (61) sena. Dan il-kriterju jidher li kien wieħed ewlieni fit-tfassil tar-riforma. It-tieni raġuni li ngħatat[69] hija marbuta ma' konsiderazzjonijiet ta' saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol, fil-fehma li xogħol bħal dak ta' *shore foreman* huwa xogħol skabruż li ma jgħoddx għal minjaqbeż ċertu eta`. Il-Qorti – għalkemm wieħed jista' jsib ħafna x'jgħid dwar jekk l-eta` waħedha hijiex fattur determinanti li tikkawża riskju għas-saħħa u s-sigurta' ta'

[69] Ara x-xhieda ta' Gejtu Vella 18.3.2008, f'paġġ. 357 – 9 tal-proċess

ħaddiem fuq il-post tax-xogħol tiegħu – tasal biex tqis li ż-żewġ raġunijiet imressqa ’l quddiem mill-intimati jistgħu tassew jitqiesu bħala ċirkostanzi maħsuba mil-liġi fejn differenza fit-trattament minħabba l-eta` m’għandux jitqies minnu nnifsu diskriminatorju;

“Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu juri li ġarrab ksur tal-jedd li ma jkunx diskriminat;

“Illi **għar-rigward tar-rimedju** li r-rikorrent jistħoqqlu jingħata, il-Qorti qegħda żżomm quddiem għajnejha l-azzjoni kif imressqa mir-rikorrent u l-konklużjonijiet milħuqin minnha dwar il-ksur tal-jeddijiet tiegħu. Il-Qorti m’hijiex tal-fehma li d-dikjarazzjoni waħedha ta’ ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent hija rimedju xieraq u biżżejjed għalih. Min-naħa l-oħra, ma taħsibx lanqas li hija tista’ tagħti provvediment li, biex jitwettaq, ikun imur kontra l-ittra espressa tal-liġi jew tar-regolamenti fis-seħħ. Għalhekk, f’dan l-istadju hija sejra taqta’ biss dwar jekk ir-rikorrent ġarrabx jew le ksur ta’ jeddijiet fundamentali tiegħu u tirriżerva li fi stadju ieħor tagħti deċiżjoni dwar ir-rimedju wara li tisma’ sottomissjonijiet min-naħa tal-partijiet dwar dan l-aspett jekk ma jkunux, fil-frattemp, irregolaw irwieħhom mod ieħor;”

L-intimati Awtorita` Marittima ta’ Malta u Direttur tal-Portijiet ma appellawx minn din is-sentenza.

**<u>Rikors tal-appell tal-intimati Avukat Generali u Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjonijiet</u>.**

L-intimati Avukat Generali u Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjonijiet hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha. Fil-qosor, l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

*1. Rimedju ordinarju u procedura frivola u vessatorja.*

L-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ddecidiet li tisma’ l-kaz u m’astjenietx kif kellha s-setgha li taghmel ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 minhabba l-esiztenza ta’ rimedju ordinarju ghal-lanjanzi tar-rikorrenti. Dan ir-

rimedju kien jikkonsisti f'kawza ghal stharrig ta' ghemil amministrattiv taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

*2. L-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur.*

It-tieni aggravju tal-appellanti Avukat Generali u Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjonijiet huwa li l-kawza ma titrattax dwar il-kostituzzjonalita` tal-Avviz Legali 437/2007. L-ghemil amminstrattiv twettaq mill-intimat l-iehor f'din il-kawza u mhux mill-Avukat Generali ghalhekk hu m'ghandux iwiegeb ghal dan l-ghemil.

*3. Allegat ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.*

L-intimati imsemmija, fit-tielet aggravju taghhom, ighidu li r-rikorrent ma kellux dak li hu jsejjah "proprjeta`" x'tittiehidlu jew x'tigi kkontrollata, u l-uniku dritt li kellu kien li japplika biex tinhariglu licenzja fil-parametri tal-ligi. Il-kundizzjoni dwar l-eta` ta' irtirar li giet imposta fil-licenzja ta' *foreman* saret fl-interess generali tal-haddiema tal-port. L-intimati ma jaqblux ma' l-ewwel Qorti li f'dan il-kaz ma nzammx bilanc bejn l-interess generali u l-jeddijiet tar-rikorrent.

**<u>Risposta tal-appell u appell incidentali tar-rikorrent Victor Spiteri</u>.**

Ir-rikorrent wiegeb ghall-aggravji tal-intimati Avukat Generali u Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjonijiet u ressaq ukoll appell incidentali.

Dwar l-ewwel aggravju tal-intimati appellanti, ir-rikorrent isostni li l-ebda procedura ohra fil-ligi ma kienet procedura xierqa sabiex tindirizza l-lanjanzi tieghu hlief dik fil-Qorti f'Sede Kostituzzjonali taht il-gurisdizzjoni imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Kap. 319. L-azzjoni tieghu la kienet intempestiva u lanqas frivola u vessatorja. Kwantu ghall-aggravju dwar il-*locus standi* tal-intimat Avukat Generali, Spiteri wiegeb li dan huwa l-legittimu kontradittur billi huwa l-ufficcju tal-Avukat Generali li huwa meqjus bhala dak li jirrispondi, anke flimkien ma' ohrajn, ghal agir

lamentat mir-rikorrent. Fil-mertu, dwar is-sejba ta' ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, ir-rikorrent jishaq li c-cahda jew it-tigdid ta' licenzja hija kwistjoni li ghandha tigi sindikata taht l-imsemmi artikolu billi tikkwalifika bhala "possediment". Hu jissottometti li c-cahda tal-licenzja ma saritx fl-interess pubbliku jew bhala kontroll ta' uzu tal-proprjeta` kif premess fl-Artikolu 1(2) tal-Ewwel Protokol, u ma giex mizmum dak il-bilanc bejn l-interess generali u l-jeddijiet tar-rikorrent li huwa misthoqq sabiex tigi gustifikata l-azzjoni li ttiehdet.

## Appell incidentali

Fl-appell incidentali tieghu, ir-rikorrent talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-agir tal-intimati jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni meta kkunsidrat fid-dawl tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja kif inkorporata fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Hu jsostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset bhala *comparator* sitwazzjoni mhux komparabbli izda qieset sitwazzjoni identika ghal dik tar-rikorrent, fis-sens li qieset *foreman* ma' *foreman* meta l-bazi ta' komparabilita` kellha tkun ma' *self employed* ohra li jahdmu permezz ta' licenzja.

## Risposta tal-Awtorita` Marittima ta' Malta ghar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali u tal-Ministru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjonijiet[70].

Illi f'diversi aspetti l-Awtorita` Marittima hadet l-istess posizzjoni legali tal-intimati l-ohra, l-Avukat Generali u tal-Ministru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjonijiet. Hi ma taqbilx biss li, hija *qua* Awtorita` mwaqqfa bil-ligi, kienet marbuta li ssegwi l-ligijiet u r-regolamenti vigenti, liema ligijiet u regolamenti ma nhargux minnha izda mill-Ministru koncernat. Illi ghalhekk jekk il-proceduri kienu intizi biex jattakkaw l-agir tal-Awtorita` meta ma gedditx il-licenzja tar-rikorrent, hi mhix il-legittimu kontradittur

[70] Id-Direttur tal-Portijiet ma pprezentax risposta billi l-Awtorita' Marittima ddikjarat li d-Direttur tal-Portijiet jagixxi fi hdan l-Awtorita' u jista' jirraprezentaha f'dawk il-materji taht il-kompetenza tieghu. Art 5 tal-Kap 352.

ghaliex hija ma kellhiex ghazla ohra hlief li tapplika dik il-ligi. Jekk imbaghad ir-rikorrent qed jattakka l-validita` tal-Avviz Legali 437/2007, lanqas ma tista' tinsab responsabbli l-Awtorita` billi mhix hi li ghandha tirrispondi ghall-allegati nuqqasijiet fis-sistema legislattiva.

**Risposta tal-Awtorita` Marittima ta' Malta ghall-appell incidentali ta' Victor Spiteri**

L-intimati msemmija wiegbu li s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet li r-rikorrent ma kienx gie diskriminat hija legalment korretta, gusta u timmerita li tigi konfermata.

**Fatti**

Kwantu ghall-fatti li taw lok ghal din il-kawza, u a skans ta' ripettizzjoni inutili, din il-Qorti taghmel referenza ghal esposizzjoni tal-fatti kif maghmula mill-ewwel Qorti. Fil-qosor, u biex f'dan l-istadju wiehed ikun jista' jkompli jsewgi s-sentenza bla ma jitlef il-fil, jista' jinghad li r-rikorrent kellu licenzja ta' *shore foreman* mill-1958 sa l-2007 skond il-Kap. 171. F'Dicembru 2007, meta r-rikorrent gie biex igedded il-licenzja, bhalma kien jaghmel kull sena, gie nfurmat mill-Awtorita` koncernata li mhux se jgeddulu l-licenzja billi kienu dahlu fis-sehh regolamenti godda, cioe` l-Avviz Legali 437/2007 li permezz tieghu zdiedet il-kundizzjoni dwar l-eta` ta' irtirar ghall-hrug tal-licenzja ta' *foreman*. Dak iz-zmien ir-rikorrenti kellu 70 sena u ghalhekk ma setghax iggedded il-licenzja. Ir-rikorrent ghalhekk talab f'dan ir-rikors li jigi dikjarat li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikoli 3, 6, 14 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja. L-ewwel Qorti sabet ksur biss taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Rimedju ordinarju

L-ewwel aggravju tal-intimati appellanti Avukat Generali u tal-Ministru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjonijiet

huwa dwar ir-rimedju ordinarju li r-rikorrent, skond huma, ma ezawriex meta huwa seta' jezercita azzjoni ghal stharrig ta' ghemil amminsitrattiv taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni u ghazlet li tezercita s-setghat moghtijin lilha bil-ligi billi sostniet illi kieku r-rikorrent ghazel li jinqeda' bir-rimedju msemmi, xorta wahda huwa ma kienx jinghata rimedju fuq kull aspett tal-ilment tieghu b'mod partikolari dwar l-allegat ksur tal-jeddijiet tieghu mharsin fil-Konvenzjoni.

F'dan il-kaz ir-rikorrent mhux qed jallega li d-decizjoni moghtija mid-Direttur tal-Portijiet hija wahda *ultra vires* jew bi ksur tal-Kap. 171, u partikolarment ir-regolament 6 tal-Avviz Legali 437/2007, imma qed jikkontendi li d-decizjoni li ttiehdet fit-terminu ta' dik il-ligi tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu meta dik il-ligi giet applikata fil-konfront tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti anke kieku r-rikorrent ipproceda b'azzjoni ghal stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tad-Direttur tal-Portijiet, din ma kenitx se twassal biex taghtih rimedju shih jew ir-rimedju konvenzjonali li r-rikorrent qed ifittex f'dan ir-rikors. Ir-rikorrent mhux qed jattakka r-regolament *per se* imma t-thaddim fil-konfront tieghu in partikolari tar-regolament li mpona kundizzjonijiet godda ghall-hrug u/jew tigdid tal-licenzja ta' *shore foremen*. Ir-rimedju suggerit taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma kienx ser jirrimedja b'mod adegwat u komplet ghal-lanjanzi tar-rikorrent. Inoltre jigi rilevat li r-rikors odjern hu unikament bazat fuq allegata vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja kif inkorporata fil-Kap. 319 u mhux qed jigi allegat illi l-ghemil amministrattiv kien jikser il-Kostituzzjoni.

Kwantu ghas-sottomissjonijiet l-ohra tal-intimati f'dan ir-rigward, id-dritt tar-rikorrent, allegatament miksur, ma kienx wiehed frivolu imma kien wiehed li jisthoqqlu konsiderazzjoni mill-Qorti. Lanqas ma kien wiehed intempestiv billi l-licenzja tar-rikorrent effettivament ma gietx imgedda u r-rikorrent kien jehtieglu jfittex rimedju. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Legittimu kontradittur

Aggravju iehor tal-intimati appellanti huwa li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur billi ghall-ghemil lamentat mir-rikorrent jista' jirrispondi ghalih pjenament l-intimat l-iehor f'din il-kawza.

Kif gia` nghad, l-ewwel Qorti ddecidiet li l-qofol tal-ilment tar-rikorrent huwa t-thaddim fil-konfront tieghu tar-regolament li mpona kundizzjonijiet godda ghall-hrug tal-licenzja ta' *foreman* u mhux qed tigi attakkata direttament l-kostituzzjonalita` tal-Avviz Legali 437/2007. Ghalhekk l-intimati wiegbu li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni proposta u dana ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12.

Dan l-artikolu gie mfisser fil-kawza **Caruana v. L-Onorevoli Prim Ministru**, deciza fil-31 ta' Mejju, 2006, fis-sens li gej:
"*Illi fil-fehma ta` din il-Qorti, dan ifisser li l-legislatur ried li f'kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f'kull kaz irid jigi wkoll notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern*."

Ghalhekk skond dan l-Artikolu 181B il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

F'dan il-kaz dina l-eccezzjoni kellha tigi milqugha billi mhux qed tigi mpunjata l-validita` tal-Avviz Legali 437/2007, u min-natura tat-talba din tista' tigi diretta kontra l-intimat l-iehor li jista' jirrimedja ghal-lanjanza tar-rikorrenti jekk jirrizulta ksur ta' xi dritt fundamentali bil-mod kif gie applikat ir-regolament fil-konfront tieghu.

<u>Ksur ta' dritt ta' proprjeta`</u>

It-tielet aggravju tal-intimati Avukat Generali u Ministru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjonijiet huwa dak fil-mertu fejn l-ewwel Qorti sabet li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent kif sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

L-ewwel Qorti ddecidiet li licenzja li biha wiehed jista' jwettaq attivita` kummercjali hija meqjusa bhala sura ta' "possediment" ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu, u n-nuqqas ta' tigdid taghha jaf ikun indhil jew sahansitra cahda tat-tgawdija pacifika tieghu. Il-Qorti sabet ukoll li ma kienitx inzammet proporzjonalita` bejn l-interess generali u l-jeddijiet tar-rikorrent, u dan minhabba li hu spicca biex jerfa' piz eccessiv u personali li l-istess awtoritajiet jidher li kienu jafu minn qabel li se jigri hekk.

L-intimati jsostnu li biex ikun hemm dritt ta' proprjeta` jrid ikun hemm xi haga li tista' tittiehdet. F'dan il-kaz isostnu li l-licenzja li kellu r-rikorrent mhix "possediment" u ma ttehidlu xejn, imma semplicement ma gietx rinnovata l-licenzja li kienet tista' tiggedded biss b'sena wara sena. L-intimati jissottomettu wkoll li ma jistax ikun hemm *'legitimate expectation'* li licenzja bil-fors tigi mgedda jew li l-ligi ma tinbidilx.

<u>Possediment</u>

L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi li:
"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".

Li l-licenzja ta' negozju ghandha titqies bhala possediment tutelabbli hu ormai stabbilit fil-gurisprudenza. Licenzja ghandha valur monetarju li biha persuna taqla' l-ghixien taghha u tal-persuni li thaddem jew li jiddependu minnha. Licenzja hija necessarja biex persuna topera u ghandha valur ekonomiku. F'dan is-sens il-Qorti ta' Strasbourg kemm-il darba ddecidiet li *according to its case-law, the termination of a licence to run a business amounts to an interference with the right to the peaceful enjoyment of possessions guaranteed by Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention*[71].

Fil-kaz in ezami il-Qorti trid tara jekk in-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja li kellu r-rikorrent kienx jammonta ghal tehid jew indhil fil-possediment tar-rikorrent. Biex licenzja titqies li hija possediment din trid tkun attwalment giet mahruga favur il-persuna li jkollha n-negozju inkwantu li huwa bil-hrug ta' din il-licenzja li dik il-persuna tirrealizza l-potenzjal li tgawdi l-proprjeta` taghha b'certu mod u mhux b'mod iehor. Hu risaput ukoll, pero', li l-aspettattiva waheda li persuna tinghatha l-licenzja ma tistax titiqies bhala possediment fiha nfisha u li *'Expectations' do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions'.* [72]

Fil-kaz in ezami, fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrent ma kellux biss aspettattiva, cioe` *mere expectation* li l-licenzja tigeddidlu. Hu kien ilu bil-licenzja kwazi hamsin sena u kull sena din kienet tiggedded bla problemi ta' xejn sa mill-1958, cioe` minn meta kellu 18-il sena. Inoltre, bhala *self-employed*, u bhal kull *self-employed* iehor, ma kien hemm ebda imposizzjoni fuqu li biha jigi mwaqqaf mill-ezercizzju tax-xoghol tieghu ghax ma kien hemm ebda zmien stipulat li fih kellu jirtira. Ir-rikorrent ma kienx qed jistenna li kien se jigi mgieghel jirtira minhabba l-eta` meta hu dejjem osserva l-kundizzjonijiet li kellu fil-licenzja. Fil-fehma tal-

---

[71] ara *Tre Traktörer AB v. Sweden,* 7 ta' Lulju 1989 § 53; u *Bimer S.A. v. Moldova*, no. 15084/03, § 49, 10 ta' Lulju 2007.

[72] ara Batelaan and Huiges v. Netherlands 10438/83.

Qorti l-aspettattiva tar-rikorrent kellha "*degree of concreteness"* konsiderevoli.

Il-licenzja li kellu r-rikorrent kienet wahda li kienet tiggedded sakemm huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-licenzja li kellu. Ma giex kontestat li r-rikorrent dejjem issodisfa l-kundizzjonijiet imposti fuqu fil-ftehim li kien marbut bih, u l-licenzja dejjem iggeddet *as a matter of course*. Kemm id-Direttur tal-Portijiet kif ukoll ir-rapprezentant tal-Freeport ma kellhom xejn negativ x'ighidu dwar ir-rikorrent u lanqas qalu li rcevew xi lmenti dwaru jew dwar ix-xoghol li kien jaghmel. Jirrizulta ghalhekk li l-unika raguni ghaliex ma ggedditx il-licenzja wara li dahal fis-sehh l-Avviz Legali 327/2007 kienet minhabba l-kundizzjoni gdida dwar l-eta` ta' ritrar. Din il-kundizzjoni ma kienitx xi kundizzjoni li kien hemm fil-ftehim originali li kellu r-rikorrent, u r-regolament introdott ma kienx jinvolvi biss semplici tibdil fil-kundizzjonijiet imma kienet effettivament zieda fil-kundizzjonijiet li gabu fix-xejn il-licenzja li r-rikorrent kellu. B'dik il-kundizzjoni r-rikorrent spicca ma jistax jahdem bhala *foreman* licenzjat b'konsegwenza ta' telf finanzjarju u dan minghajr ma gie bl-ebda mod kompensat. Il-kundizzjoni introdotta kienet tekwivali ghall-kancellament tal-licenzja li kellu.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti kellu "possediment" tutelabbli u dritt ta' proprjeta` li gie mittiefes. Ma kienitx semplicement kwistjoni li ma gietx rinnovata licenzja imma kien hemm indhil fid-dritt ta' proprjeta` .

Kwantu ghal dak rikjest fit-tieni parti tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-ewwel Qorti sabet l-ghan wara r-riforma tal-portijiet kien wiehed fl-interess pubbliku in generali u bi hsieb legittimu. Il-mizuri li ttiehdu kienu "legali" (ara Regolament 6) u mahsuba biex iwasslu ghal tali riforma. Dawn il-mizuri saru f'qafas legali. Dwar dan m'hemmx kontestazzjoni mill-intimati.

L-intimati, pero`, mhux qed jaqblu ma' l-ewwel Qorti fejn sabet li ma nzammitx proporzjonalita` bejn l-interess generali u l-jeddijiet tar-rikorrent meta ma ggedditlux il-

licenzja u b'hekk ir-rikorrent spicca biex kellu jerfa' piz eccessiv u personali. L-ewwel Qorti qalet li ghalkemm b'xi mod ir-rikorrent baqa' ma tilifx il-kuntratti li huwa kellu fil-Port Hieles, dan kellu jaghmlu bi spiza zejda biex iqabbad nies ohrajn licenzjati halli jkunu jistghu jwettqu xoghol li, minghajr licenzja, ma jistax isir.

L-intimati jsostnu li mhux minnu li r-rikorrent, gurnata kellu licenzja u l-ghada ma kellux. Huma jissottomettu li jekk ir-rikorrent assuma li dejjem ser tohroglu l-licenzja, din kienet aspettativa tieghu li ma kienitx gustifikata. Dwar dan il-punt il-Qorti diga` ddikjarat li l-aspettattiva tar-rikorrent kienet wahda konkreta u bazata fuq ragunijiet oggettivi.

L-intimati jsostnu inoltre li jekk kien hemm piz, ir-rikorrent ma refghux wahdu billi l-eta` ta' irtirar giet applikata ghall-kulhadd l-istess. Jirrizulta mill-provi, pero`, li fil-kaz tal-*port workers* li m'humiex *self-employed* bhar-rikorrent, u li kellhom ukoll dritt taghhom ghal wirt, ir-riforma fil-konfront taghhom kienet tinvolvi process ta' irtirar gradwali, u lil dawk li kienu ser jirtiraw qabel il-61 sena kien hemm anke l-hsieb li joffrulhom kumpens (ara x-xhieda ta' Louis Cilia fol. 307). Mhux hekk pero` sar fil-kaz tar-rikorrent, li spicca bla licenzja mil-lum ghal ghada. In-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja tar-rikorrent kienet tfisser terminazzjoni immedjata tax-xoghol tieghu bhala *foreman*.

L-intimati jikkontendu wkoll li jibqa' l-fatt li hadd ma cahhad lir-rikorrent milli jahdem, u li hu ghadu kuntrattur tal-Freeport bi tlett kuntratti li ghadhom ghaddejjin. Issa, ghalkemm dan huwa minnu, skond ir-rikorrent, hu diga` beda jitlef l-agenti li qabel kienu jqabbdu lilu biex jahdmilhom. Inoltre issa li gie bla licenzja hu ma jistax ikun prezenti fuq il-lant tax-xoghol biex jissorvelja lin-nies li huwa jqabbad biex jara li x-xoghol isir sew. Dan kien parti mix-xoghol li kien jaghmel qabel imma issa hu ma jistax ikompli jaghmlu. Inoltre minhabba f'hekk l-ispejjez zdiedulu billi jrid jinqeda' izjed bin-nies li kellu u jrid jaghtihom aktar *overtime* biex iwettaq ix-xoghol li kien jaghmel qabel. L-argument tal-intimati li r-rikorrent baqa' jahdem ma jregiex ghal kollox, ghax il-kuntratti li kellu r-

rikorrent kien igibhom huwa bhala *foreman* licenzjat u mhux il-haddiema tieghu li kien jimpjega. Fil-fehma tal-Qorti il-fatt li r-rikorrent tilef il-licenzja li kellu ma jammontax ghal semplici inkonvenjent li hu kellu jbati minhabba r-riforma li saret fil-Port, kif qed isostnu l-intimati, imma kien jammonta ghal ksur ta' dritt tieghu ta' proprjeta`.

Il-Qorti mhux konvinta li fil-kaz tar-rikorrent, ir-raguni ghaliex giet introdotta l-eta` tal-irtirar tal-*foremen* kienet biss ghax inkella dawn kienu jibqghu jahdmu sakemm imutu (ara x-xhieda ta' L. Cilia) jew minhabba l-perikolu involut f'dan ix-xoghol (ara x-xhieda ta' Gejtu Vella). Kien hemm prevvist fil-licenzja tar-rikorrent li *foreman* li jaghlaq il-61 sena seta` jintalab li jigi ezaminat minn Bord Mediku u l-licenzja tigi kancellata jekk il-Bord ma jsibx il-persuna fizikament tajba ghax-xoghol ta' *foreman* (ara fol. 142). Fil-fehma tal-Qorti, il-mizura li hadu l-intimati meta ziedu l-kundizzjoni dwar l-irtirar u b'hekk ir-rikorrent spicca bla licenzja ma kienitx l-unika mizura possibli, imma kienet mizura estrema u drastika fl-effetti taghha, li tterminat ix-xoghol tar-rikorrent bhala *self-employed* mill-ewwel minghajr lanqas biss inghata kumpens.

Il-Qorti lanqas ma tqis validu l-argument tal-intimati li kieku r-rikorrent ried ikun konsultat kellu jidhol membru tal-*union* li maghha saret il-konsultazzjoni, u dan anke b'referenza ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg fejn gie ritenut illi wiehed ma jistax jigi mgieghel isir membru ta' *union* sabiex jinghata d-drittijiet tieghu (ara **Sorensen and Rasmussen v. Denmark** 11/1/2006 Appl.No. 52562/99 u 52620/99).

Ghalhekk il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li bil-mizura li ttiehdet mill-intimati r-rikorrent spicca li jkollu jgorr personalment piz eccessiv u ma nzammx bilanc bejn interess generali u d-dritt fundamentali tal-istess rikorrent.

**<u>Appell incidentali</u>**

Fl-appell incidentali tieghu, ir-rikorrent isostni li l-agir tal-intimati jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni

abbinat ma’ l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja. Hu jsostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset bhala *comparator* sitwazzjoni mhux komparabbli cioe` qieset *foreman* ma’ *foreman* fl-istess kategorija meta kellha tqis *self-employed* li jahdem permezz ta’ licenzja ma’ *self-employed* iehor li wkoll kellu bzonn licenzja.

Dwar dan l-allegat ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, l-ewwel Qorti kienet ghamlet zewg konsiderazzjonijiet. L-ewwel li r-rikorrent ma jistax jitfa’ lilu nnifsu f’keffa wahda bhala *self-employed*, flimkien ma’ kull *self-employed* iehor, u dana billi c-cirkostanzi partikolari tieghu bhala *shore foreman* - ghalkemm ikkunsidrat bhala *self-employed* - ma jistax jitqabbel ma’ dawk is-*self-employed* li jahdmu ghal rashom u m’ghandhomx bzonn ta’ licenzja jew m’ghandhomx dak ir-regim partikolari. It-tqabbil ghalhekk kellu jsir ma’ *self-employed* ohra li xogholhom huwa wkoll regolat minn dik il-ligi specjali bhar-rikorrent. F’dan il-kaz, ir-regolament kien ighodd ghal kull min ghalaq jew ser jaghlaq il-61 sena. It-tieni konsiderazzjoni li ghamlet il-Qorti kienet li r-ragunijiet imressqa mill-intimati dwar l-iffissar tal-eta` ta’ irtirar ghal dan il-ghan jistghu jitqiesu bhala cirkostanzi mahsuba mil-ligi fejn differenza fit-trattament minhabba l-eta` m’ghandux jitqies minnu nnifsu diskriminatorju.

L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovvdi li:
“It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f’din il-konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor.”

Biex ikun hemm diskriminazzjoni, mhux bizejjed li wiehed jilmenta li gie trattat hazin jew li gie trattat bi pregudizzju jew bi hsara ghad-drittijiet tieghu, izda dak l-agir irid jigi mqabbel ma’ agir fil-konfront ta’ persuna ohra f’sitwazzjoni simili bhal tieghu (“*analogous situation*”), u li d-differenza fit-trattament kienet minhabba raguni ta’ sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika etc. Fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni, ir-

ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 14 huma biss esemplifikattivi, u ghalhekk l-eta` tista' tkun wahda mir-ragunijiet li tista' twassal ghal diskriminazzjoni.

Il-Qorti trid tara ghalhekk jekk f'dan il-kaz kienx hemm diskriminazzjoni billi tezamina jekk jirrizultax trattament differenti ta' persuni "*placed in analogous situations*". Mhux kemm tqabbel, ghalhekk, *self-employed* ma' *self-employed* iehor. Dawn is-*self-employed* iridu <u>wkoll</u> ikunu *placed in analogous situations*. Ir-rikorrent ma jistax iqis lilu nnifsu fl-istess sitwazzjoni bhal kwanunkwe *self-employed* iehor billi kull xoghol ghandu l-karatteristici partikolari tieghu u fil-kaz tar-rikorrenti qed nitkellmu fuq licenzja ta' *foreman* f'kuntest ta' xoghol fil-port. Skond id-Direttur tal-Portijiet ix-xoghol ta' *shore foreman* huwa kumplimentari ghal dak tal-*port worker* u ghalkemm *foreman* huwa konsidrat bhala *self-employed*, fil-kaz tar-rikorrent hu jirrendi servizz fil-port b'*regime* partikolari u differenti minn dak ta' *self-employed* ohra. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti t-taqbil kellu jsir ma' persuni ohra li ghandhom licenzja ta' *foreman* tal-port bhalu u li huma regolati wkoll bil-ligi specjali bhar-rikorrent.

Hu risaput li mhux kull trattament differenti jwassal ghal sejbien ta' trattament diskriminatorju. Ir-regolament in kwistjoni dwar l-eta` tal-irtirar japplika ghal dawk kollha li ghandhom licenzja ta' *foreman*. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm ragunijiet oggettivi u ragjonevoli li jiggustifikaw dak it-trattament differenti li kellhom jitqiesu bhala li setghu jigi konsidrati bhala cirkostanzi mahsuba mil-ligi fejn id-differenza fit-trattament minhabba l-eta` ma kellux jitqies minnu nnifsu bhala diskriminatorju.

In konkluzjoni ghalhekk il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti, li r-rikorrent ma bata ebda ksur tad-dritt fundamentali tieghu li ma jigix diskriminat taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni konsegwentement l-appell incidentali qed jigi michud.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata biss fis-sens illi tilqa' l-eccezzjoni tal-Avukat Generali illi

hu mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u b'hekk tiddisponi kemm mill-appell tal-intimati kif ukoll mill-appell incidentali tar-rikorrent Spiteri.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti; l-ispejjez tal-appell principali jithallsu mill-intimati appellanti, dawk tal-appell incidentali jithallsu mill-imsemmi Victor Spiteri. Tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u sottomissjonijiet tal-partijiet dwar ir-rimedju xieraq li jisthoqqlu jinghata r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------